# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spetturi Saviour Baldacchino u Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**Omissis u Helmy Mohamed Helmay Elmosaty**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba kontra **Helmy Mohamed Helmay Elmosaty** (aktar l-isfel magħruf bħala "Helmy") detentur tal-passaport Eġizzjan numru A 08825530 fejn ġie mixli nhar il-31 t'Awissu 2015 għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija ġewwa l-inħawi ta' Ġnien tal-Mall, il-Floriana :

1. Seraq flus kontanti kif ukoll apparat telefoniku għad-detriment ta' Jayson Nopueto liema serq huwa kwalifikat bil-valur (li ma jeċċedix l-elfejn tliet mija disgħa u għoxrin euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2329.37), bil-vjolenza u bil-ħin skont l-Artikoli 261(a)(c)(f), 262(b), 267, 270, 275, 279(a) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali;
2. Kif ukoll li għen jew assista lill-Omissis li kien l-awtur ta' stupru vjolenti u l-arrest illegali fuq il-persuna ta' Jayson Nopueto u dan skont l-Artikoli 42(d), 43, 86, 198 u 202(d) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tal-5 ta' Settembru 2015 l-Uffiċjali Prosekuturi ikkonfermaw l-imputazzjonijiet bil-ġurament;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, tenna li huwa ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Rat li l-Qorti kompliet bis-smiegħ tax-xiehda u baqgħet tirċievi dokumenti u dan skont diversi rinviji mibgħuta mill-Avukat Ġenerali;

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju għall-ġudizzju datata 7 ta' Marzu 2017, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-atti tal-Kompilazzjoni hawn fuq

imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront ta' **Helmy Mohamed Helmay Elmosaty** fl-Artikoli 23, 31, 261(a)(c)(f), 262(b), 267, 270, 275, 277(a), 279(a), 280(2) u 533 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputat hawn fuq imsemmi sabiex jigi ġġudikat minn din il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul is-seduta tat-8 ta' Marzu 2017 l-Uffiċjal Prosekutur iddikjara li fir-rigward tal-kawża kontra l-imputat huwa ma kellux aktar provi x'jipproduċi u talab is-separazzjoni tal-ġudizzju bejnu u bejn il-ko-imputat Omissis;

Rat li d-Difiża taż-żewġt imputata m'oġġezzjonatx għal din it-talba;

Rat li matul l-istess seduta, il-Qorti filwaqt li laqgħet it-talba għas-separazzjoni tal-proċeduri penali fir-rigward tal-imputat Helmy, u ordnat li tiġi moqrija n-nota tar-rinviju għall-ġudizzju fir-rigward tal-imputat Helmy;

Rat li matul l-istess seduta din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputat,

staqsietu jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali u ddeċidiet li tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Il-Qorti rat li f'dan l-istadju tal-proċeduri, l-imputat Helmy iddikjara li huwa ħati tal-imputazzjonijiet skont kif kontestati lilu mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi.  Wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu u wara li kkonferixxa miegħu, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu skont in-nota tar-rinviju għal Gudizzju;

Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati.

Rat ir-rikors konġunt magħmul bejn l-Avukat Ġenerali u l-imputat filwaqt li ddikjaraw li kienu qegħdin jaqblu fit-termini tal-Artikolu 392A(5) tal-Kodiċi Kriminali, talbu lil din il-Qorti biex fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti ta' l-imputat Helmy għar-reati kif kontemplati fl-artikoli 261(a)(c)(f),262, 267, 270, 275, 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena komplessiva li għandha tiġi nflitta fuqu minn din il-Qorti għandha tkun waħda ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' sentejn (2) u sitt (6) xhur u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kodiċi Kriminali;

***Ikkunsidrat : -***

Li wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ nonche l-fatt li l-piena suġġerita hija waħda li tinsab fil-parametri tal-piena stabbiliti mill-Liġi, il-Qorti jidhrilha li din l-istess talba għandha tiġi milqugħa.

# ***DEĊIDE***

li wara li rat l-Artikoli 261(a)(c)(f), 262, 267, 270, 275, 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq l-ammissjoni inkondizjonata tiegħu stess, il-Qorti qegħda ssib lil **Helmy Mohamed Helmay Elmosaty**, ħati tal-imputazzjonijiet kontestati lilu u tikkundannah għall-piena ta' **sentejn u sitt xhur** priġunerija.

**Mogħtija illum l-għoxrin (20) jum ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Aaron M. Bugeja***